MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 280/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Cassar)**
**Vs**
**Kevin Gaffarena**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. fit-22 ta' Lulju, 2009 f'xi hin bejn l-erbgha ta' wara nofs inhar u t-tmienja u kwart ta' filghaxija, fuq bastiment bl-isem ta' "Atlantis" fil-fliegu ta' bejn Malta u Ghawdex, ikkommetta serq ta' tlett "mobile phones", dokumenti u oggetti ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li ma jeccediex l-elfejn, tlett mija w disa` u ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u bil-persuna ghad-dannu ta' Duane Carabott, Demaris Mifsud, Jan Voboril u/jew persuni ohra, liema reat bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

2. u aktar talli fl-istess jum u fil-jiem ta’ wara d-data fuq imsemmija, f’dawn il-Gzejjer, xjentement xtara u/jew laqa` ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jew sar f’Malta jew barra minn dawn il-Gzejjer, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun iddahhal f’dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Gunju, 2010, li biha ma sabitx lill-appellat hati skond l-akkuza w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta’ Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza imsemmija w minflok issib lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Ili l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u rragjonevoli tal-provi migbura.

Illi l-appellant Avukat Generali intavola dan l-appell a bazi ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 413 (1)(c) tal-Kap. 9.

Illi l-appellant jargumenta illi fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti waslet biex tillibera lill-appellat mill-akkuzi kollha u dan minghajr ma effettivament dahlet *in funditus* fil-provi l-ohra kollha kemm dawk diretti kif ukoll dawk indizjarji. Dan qed jinghad ghaliex jekk wiehed jara c-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz u l-provi migbura dawn kollha jippuntaw f’direzzjoni wahda u cioe` li kien proprju l-appellat Kevin Gaffarena li wettaq din is-serqa waqt li kien fuq il-bastiment MV Atlantis fit-22 ta’ Lulju, 2009.

Ikkonsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Lulju ta’ l-elfejn u disgha, l-appellat kien qieghed fuq il-lanca bl-isem ta’ Atlantis fuq il-fliegu bejn Malta u Ghawdex ghal photo shoot flimkien ma persuni ohra, Duane Carabott, Demaris Mifsud, Jan Voboril u persuni ohra. Xi whud mill-mudelli inghataw istruzzjonijiet biex imorru fuq lanca ohra u jhallu l-effetti taghhom personali fuq il-lanca Atlantis. Fuq din il-lanca baqghu l-appellat u persuna ohra li baqghet mhux rintraccata.

Fit-tlieta u ghoxrin ta’ Lulju ta’ l-elfejn u disgha dahal rapport ghand il-pulizija dwar is-serq ta’ handbag kontenenti zewg mobiles, cwievet, credit card, wallet valur ta’ seba’ mitt Euro minn Demaris Mifsud. Jan Voboril ukoll irrapporta illi kellu l-basket tieghu nieqes u go fih kien hemm mobile tad-ditta Nokia. Wara dan ir-rapport, il-pulizija staqsiet lis-“service providers” sabiex juzaw il-mezzi teknici taghhom u jidentifikaw il-pozizzjoni fejn kienu dawn il-mobiles. Fil-fatt hekk gara, u l-mobiles instabu fil-pussess ta’ l-appellat. Izda wara li l-Qorti ezaminat il-provi kollha, ghamlet il-valutazzjoni taghha, waslet ghall-konkluzzjoni illi l-appellat ma kellux jinstab hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Kien ghalhekk illi l-Avukat Generali intavola dan l-appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti illi kellha quddiemha. Ukoll ‘il ghaliex strahet biss fuq ix-xhieda ta’ l-appellat u ma kkunsidratx xhieda ohra, principalment ghall-fatt illi l-appellat kien wahdu fuq il-lanca meta ghebu dawn it-tlett mobiles li kienu f’basktijiet u lanqas ma cahad li dawn il-mobiles spiccaw ghandu. Izda qal illi gew ghandu bi zball. Pero’ ma rrapuratx l-ghassa kif kien obbligat jaghmel skont il-ligi. Mhux hekk biss, izda ghamel uzu ta’ wiehed minn dawn il-mobiles meta pogga s-SIM card fih. Il-Qorti tal-Magistrati skartat it-taghlim ta’ recent possession u strahet fuq dak illi qal l-appellat.

Minn naha ‘l ohra, d-difiza argumentat illi ma giex ippruvat is-serq u lanqas ir-ricettazzjoni u lanqas ma gie ppruvat illi l-appellat kien jaf jew messu jkun jaf illi l-oggetti kienu gejjin mis-serq. Jekk l-ewwel Qorti emmnet lill-appellat, dan setghet liberament taghmlu, basta r-ragunijiet

moghtija kienu ragjonevoli u legali bbazati fuq il-buon sens.

Ikkunsidrat:

Huwa veru illi tlett mobiles instabu fil-pussess ta' l-appellat. Pero' l-pussess wahdu mhux bizzejjed biex iwassal ghall-htija. Mieghu jrid ikun hemm l-element intenzjonali u cioe' illi l-appellant kellu l-intenzjoni illi jkun fil-pusess illegali ta' dawk l-oggetti. L-ewwel Qorti, wara illi ghamlet l-evalutazzjoni taghha qalet illi din l-intenzjoni ma kienetx tezisti, f'liema kaz allura t-tejorija ta' recent possession ma tapplikax.

Bhal ma ghamlet il-Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti fliet bir-reqqa z-zewg stqarrijiet ta' l-imputat, illi huma xhieda ta' interrogazzjoni intensiva da parti ta' l-ufficcjali prosekuturi u rat illi l-imputat baqa' jichad illi huwa seraq il-handbags kontenuti l-mobiles. Qal illi xi hadd kien pogga l-basktijiet fil-holdall tieghu u meta gie biex imur lura d-dar, gabar il-holdall u ma ndunax illi kien hemm dawn il-basktijiet fih. L-ewwel Qorti emmnet lill-appellat wara li gharblitu fil-pedana tax-xhud u kienet tal-fehma illi l-appellat kien imbarazzat bis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha. Imbarazzat mil-biza li hakmitu u mill-fatt illi ma sabx il-hila jirritorna dawn il-mobiles minnufih u li din il-biza inizjali aggrat u kkumplikat is-sitwazzjoni ta' l-appellat aktar u aktar minhabba l-fatt illi l-appellat ghamel jumejn ma jiflahx.

L-ewwel Qorti kienet fl-obbligu illi tikkonsidra l-verzjonijiet moghtija kollha u dana skont il-kriterji annuncjati fl-Artiklu 637 tal-Kap 9 sabiex tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen, fiex ser temmen jew ma temminx. Dan l-Artikolu jaghti linja gwida lill-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzzjoni dwar xhud. La darba tosserva din il-linja gwida, allura d-deskrizzjoni taghha mhix aktar sindikabbli sakemm ma tkunx manifestament kontra kull sens ta' logika. Huwa ghalhekk illi normalment il-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament maghmul minn l-ewwel Qorti jekk dan l-apprezzament ikun ragonevoli u legali.

Quddiem il-Qorti ta' l-Appell ma jkunx hemm ix-xhieda jaghtu d-deposizzjoni taghhom viva voce u trid tiddeciedi l-kaz fuq il-bazi ta' dokumenti biss. U jekk dawk id-dokumenti ma jwasslux ghad-dubbju illi setghet saret xi ingustizzja ma parti jew ohra, allura f'dak il-kaz huwa eccezzjonali illi Sentenza tigi mibdula. Fil-kawza "Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt" Appell Kriminali l-ewwel ta' Dicembru tan-nineteen ninety four (1994), il-Qorti qalet " . . . l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-Appell ikun ibbazat fuq l-apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anke jekk ikun hemm verzjonijiet kontradettorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta u evidentement giet emmnuta . . . il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-deskrizzjoni u dan l-apprezzament."

Ghalhekk, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalutazzjoni tal-fatti illi ghamel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-Gudikant tkun perfettament raggungibbli, bl-uzu tal-logika u buon sens ibbazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti bhala Qorti ta' l-Appell li tisostitwiha b'ohra anke jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibli. U dak huwa propju dak li gara f'dan il-kaz fejn l-Avukat Generali qed jipprospetta konkluzjoni ohra ibbazata fuq il-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti. Pero' din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti kienet ragjonevoli u legali fil-konsiderazzjoniet taghha. Kienet libera illi taghzel verzjoni u mhux ohra. U anke jekk kellha toqghod fuq il-verzjoni biss ta' l-appellat, dana kellu jkun bizzejjed sabiex twassal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghalhekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-Qorti tal-Magistrati fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha, u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u

tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------